MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## GINO CAMILLERI

Seduta tat-12 ta' Frar, 2010

Rikors Numru. 934/2009

**Fl-atti tal-Mandat ta’ Sekwestru Ezekuttiv numru 24/08**

**Fl-ismijiet:**

**George Baldacchino ID 541645 M**

**vs**

**George Briffa ID 742647 M**

Il-Qorti;

Rat ir-rikors ta’ George Briffa fejn gie premess;

Illi permezz ta’ digriet tal-10 ta’ Jannar 2008, din l-Onorabbli Qorti laqghet it-talba tas-sekwestrant ghall-hrug ta’ mandat ta’ sekwestru kontra r-rikorrent sekwestrat.

Illi minkejja li r-rikorrent sekwestrat hallas dakollu dovut minnu relattivament ghall-kawza fl-ismijiet *George Baldacchino vs George Briffa* (Citaz 672/85 FS) deciza mill-Prim’ Awla tal-Qorti Civili fit-8 ta’ Mejju 2006, li in esekuzzjoni taghha inhareg il-mandat odjern, is-sekwestrant qieghed abusivament jirrifjuta li jersaq ghall-intavolar tal-kontro-mandat relattiv, minkejja li hekk interpellat.

Illi ghalhekk tezisti raguni valida skond l-artikolu 281 tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta’ Malta ghala l-mandat ta’ Sekwestru Ezekuttiv numru 24/08 ghandu jigi revokat.

Ghalhekk ir-rikorrenti talab li jigi revokat u mhassar il-Mandat ta’ Sekwestru Ezekuttiv numru 24/08 u tordna n-notifika tad-digriet relattiv tar-revoka lill-banek kollha li kienu notifikati bhala sekwestratarji bil-mandat odjern, bl-ispejjez kontra s-sekwestrant, u dan taht kull provvediment xieraq u oppotun li joghgobha taghti din l-Onorabbli Qorti..

Rat l-atti tal-Mandat ta’ Sekwestru Esekuttiv numru 24/08 li gew annessi;

Rat ir-risposta;

Semghet lix-xhud prodott mir-rikorrenti;

Rat il-verbal tas-seduta tat-8 ta’ Frar 2010;

Rat l-atti l-ohra kollha u d-dokumenti esebiti;

In konformita’ ma’ dak li jinghad fl-imsemmi verbal tas-seduta tat-8 ta’ Frar 2010;

Tilqa’ t-talbiet kif kontenuti fir-rikors;

Spejjez bla taxxa.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------